

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW****tal-5 ta' Mejju 2010****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2008**

(2010/513/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2008,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5827/2010 – C7-0061/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 319 tat-Trattat FUE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 768/2005 tal-Kunsill tas-26 ta' April 2005 li jstabilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0105/2010),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2008;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Jerzy BUZEK

*Is-Segretarju Ġenerali*  
Klaus WELLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 304, 15.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.